# Il-Kult Lejn l-Appostli San Pietru u San Pawl fin-Nadur

## It-Twaqqif tal-Fratellanza u Soċjetà F'Ġieħ l-Appostli San Pietru u San Pawl

Dun Duminku Camilleri

Il-fratellanza normalment hija attribwita mal-Knisja Kattolika Rumana jew dik Ortodossa. Hija organizzazzjoni ta' lajċi li jingħaqdu flimkien għal xi skopijiet ta' karita` jew biex iħarsu s-snajja tagħhom li kienu jiġu approvati mill-ġerarkija tal-knisja. Ħafna minn dawn il-fratellanzi huma mferrxin fid-dinja għalkemm mhux dejjem insibuhom magħquda flimkien. Fi żmien il-Medju Evu, f'ċerti bliet xi fratellanzi kienu tassew importanti fejn fihom kienu jistgħu jidħlu biss ċerti nies ta' klassi bħal nobbli u s-sinjuri. Iżda mhux kollha minn dawn il-fratellanzi li bdew b'fini tajjeb spiċċaw bl-istess idejal, għaliex maż-żmien ħarġu mit-triq it-tajba tagħhom u l-Knisja stess ikkundannathom.



*Il-Fratellanza ta' San Pietru u San Pawl tan-Nadur fis-sehem tagħha f'waħda mill-purċissjonijiet tal-Parroċċa fi snin riċenti.*

**Il-Fratellanza ta' San Pietru u San Pawl fin-Nadur**

Fil-Kolleġġjata Insinji u Bażilika ta' San Pietru u San Pawl fin-Nadur insibu erba' fratellanzi; tas-Sagrament (1690), tar-Rużarju (1705), ta' San Pietru u San Pawl (1763) u tad-Duluri (1866). Din is-sena jaħbat il-250 sena mit-twaqqif tat-tielet fratellanza.

Kienet is-sena 1763 li fiha twaqqfet il-Fratellanza u s-Soċjetà ta' San Pietru u San Pawl. Din kienet it-tielet waħda fix-xorta tagħha fil-parroċċa tan-Nadur. Kien ir-raba` Kappillan Dun Salv Galea (1743-1778) li maż-żewġ fratellanzi eżistenti, tas-Sagrament (1690) u tar-Rużarju (1705), żied oħra *ad unur* tal-patruni tal-parroċċa. Barra l-fratellanza, il-Kappillan waqqaf ukoll Soċjetà fejn fiha kienu nkitbu ħafna rġiel u nisa, u magħhom xi saċerdoti u patrijiet ukoll. Kull imsieħeb kellu joffri l-offerta ta' skud (€0.19) fis-sena biex id-dħul imur għall-ispejjeż tal-bini tal-knisja l-ġdida. Insibu li kien tliet snin qabel, f'Settembru 1760, li l-Kappillan Galea beda x-xogħol tal-knisja ġdida u akbar. Għalhekk kienet idea tassew tajba tal-kappillan biex jipprova jiġbor flus ħalli jtaffi xi ftit tal-ispejjeż kbar tal-bini tal-knisja. Din is-Soċjetà lill-imsieħba ħajjin kollha kienet tagħtihom xi benefiċċji spiritwali. Kull wieħed li jmut kellu dritt għal suffraġji li jsiru għal ruħu. Rigward id-dokumenti meħtieġa li juru l-erezzjoni kanonika ta' din il-fratellanza ma nstab xejn fil-parroċċa.

**Statuti**

Din il-fratellanza ma kellhiex statuti approvati. Kellhom jgħaddu 133 sena oħra meta l-Arċipriet Dun Ġwann Camilleri (1881-1910) fit-22 ta' Awwissu 1896 kiteb supplika lill-Isqof Mons. Ġanmarija Camilleri O.S.A. (1889-1924) ħalli l-affarijiet ikunu regolari. Għalhekk ġew formulati l-istatuti u kkonfermati mill-Isqof fis-26 ta' Awwissu 1896. Il-ħidma tagħha bħala fratellanza bdiet erba` xhur wara li ġew approvati, f'Jannar 1897. Dan nafuh għaliex f'Jannar kienu nxtraw il-ħames reġistri li kienu meħtieġa għall-amministrazzjoni. Għal dan tħallas Dun Ġużepp Vella (ta' *Karkanja* li kien jillega wkoll il-kotba), is-somma ta' 9 xelini u 6 soldi (€1.10). Wara, fi Frar 1897 ġew stampati 500 karta jew formola bi xbieha ta' San Pietru u San Pawl għall-fratelli ġodda, għas-somma ta' 10 xelini u 6 soldi (€1.22). F'Mejju ta' wara tħallsu 2 liri 17-il xelin u sold (€6.65) lil Pawlu u Karmenu Balzan ta' 42 ratal ta' xemgħa. F' Ġunju tħallsu lil Frenċu Farrugia s-somma ta' 3 liri 6 xelini u 8 soldi (€7.76) għal 50 ratal ieħor ta' xemgħa. Hekk ukoll lis-Sur Luwiġi Portelli għal 24 ratal xemgħa għal lira u 6 xelini, (€3.03). Kustanz Borg tħallas 2 xelini u sold (€0.24) għall-kaxxa fejn fiha kienet tinġabar din ix-xemgħa li kienet qed tinxtara. Dawn kienu iservu bħala torċi għall-fratelli għall-purċissjonijiet.

## Amalgamazzjoni

Bl-entużjażmu u l-ħidma tal-Kan. Też. Dun Martin Camilleri li wara zijuh laħaq bħala t-tieni Arċipriet (1910-1921), meta kien Ruma jistudja (1897-1901) ħa ħsieb biex jgħaqqad din il-fratellanza mal-Arċikonfraternità ta' *San Pietro in Vincoli* f'Ruma. Kien fis-sena 1898 li ġiet amalgamata filwaqt li l-fratelli ta' din il-fratellanza ġew mogħnija bl-indulġenzi speċjali li kien ta l-Papa Piju IX (illum Beatu) fil-Brevi tiegħu tal-24 ta' April 1866. Din il-għaqda kienet dejjem tissemma` fil-kitba stampata li kienet tingħata lil kull min kien jinkiteb fratell. Saħansitra kienu saru labtijiet kbar bħala devozzjoni. Kif diġa` rajna din il-fratellanza kienet kemm għall-irġiel kif ukoll għan-nisa. L-iskop ewlieni ta' din il-fratellanza kien li titkabbar il-qima lejn l-Appostli San Pietru u San Pawl. L-istess Kan. Camilleri ħallielna miktubin l-ispejjeż li huwa kien għamel f'din il-ħidma tiegħu għal din l-amalgamazzjoni; għall-ittri, kartolini, ħames ittri rreġistrati, 2 rikorsi u affarijiet oħra 12-il xelin u 5 soldi (€1.45).

Naraw li filwaqt li l-fratelli taż-żewġ fratellanzi l-oħra kienu jilbsu l-libsa bajda, ta' San Pietru u San Pawl kellhom privileġġ li tagħhom tkun ta' kulur safrani bħall-mantell ta' San Pietru, kif kienu jilbsu dawk ġewwa Ruma. Hekk ukoll, waqt li l-kordun u l-kuruna tal-oħrajn kienu jkunu bojod, ta' San Pietru u San Pawl kellhom il-kordun aħmar u l-kuruna ta' lewn kannella. Il-muzzetta kienet ta' lewn aħmar tal-ħarir. Madwar għonqhom kienu jdendlu midalja bis-simboli taż-żewġ Appostli, is-salib u s-sejf, bil-vanġelu miftuħ u tiddomina fuq kollox naraw għajn li tissimbolizza s-Santissima Trinità u dan kollu jidher imdawwar b'kuruna tar-rand. Din il-midalja kienet tiddendel b'kurdiċella wiesgħa tal-ħajt tad-deheb b'xi disinn ta' ħajt aħmar, filwaqt li ż-żarbun kien ikun abjad bir-rigi ħomor. Kien fl-istess sena 1898 li dawn il-fratelli b'din il-libsa ġdida u unika fil-gżejjer maltin li ħadu sehem għall-ewwel darba f'purċissjoni. Dan kien f'dik ta' San Girgor li kienet issir mill-Katidral sa Kerċem.

Fost l-ewwel fratelli nsibu lil ċertu Ġanni Trevisan ta' 50 sena li kien jiġi iben it-tabib Ġużeppi. Ġanni kien bniedem ta' skola għaliex nafu li għal żmien twil kien l-Assistent-Kap tal-iskola primarja tan-Nadur. Huwa kien wieħed li ħadem biex il-fratellanza fis-sena 1896 ikollha l-approvazzjoni meħtieġa mill-awtoritajiet ekkleżjastiċi. Għalhekk insibuh bħala l-ewwel Rettur ta' din il-fratellanza issa approvata bl-istatuti tagħha.

## Sorġentina

Kull fratellanza ġeneralment kienet timxi dejjem wara l-istendart, Kurċifiss b'żewġ lanterni fuq quddiem u wara l-fratelli kollha li kien ikollhom it-torċa (xemgħa twila). Fl-aħħarnett kien imexxi r-Rettur bis-sorġentina (bastun dekorattiv) biex jidderieġi l-fratelli li jimxu bl-ordni. Maġenbu kien jimxi l-viċi li fuq sidru kien iġib il-medaljun tal-fratellanza. Ġanni Trevisan kellu jkun l-ewwel benefattur ta' din il-fratellanza għaliex irregalalha s-sorġentina tal-fidda li nħadmet skont disinn li kien sar mill-Kan. Też. Martin Camilleri stess. Dan is-saċerdot kellu rabta` speċjali ma' din il-fratellanza. Ħadem ħafna biex imexxi 'l quddiem dawn l-opri tagħha. Anzi naraw li ftit wara kellu jsir prokuratur u d-direttur spiritwali tagħha fejn baqa` sakemm miet.



*Is-Sorġentina tal-Fratellanza ta' San Pietru u San Pawl. Xogħol mill-isbaħ fil-fidda tad-Ditta 'Fratelli Bertarelli' ta' Milan. Opra mogħtija mill-benefattur Ġanni Trevisan.*

Is-sorġentina tal-fratellanza tan-Nadur inħadmet mid-ditta *'Fratelli Bertarelli'* ta' Milan fejn inħadmet ukoll il-mazza tal-Kapitlu (1895). Hija tal-fidda ta' 900 karat u ġiet tiswa mawdar 11-il sterlina (€25.63). Is-sorġentina hija bastun dekorattiv li jintuża mill-kap tal-fratellanza biex imexxi u jirregola l-funzjonijiet u l-purċissjonijiet. Fuq din is-sorġentina nsibu globu li madwaru hemm il-figuri ta' San Pietru u San Pawl u bejniethom hemm żewġ anġli li f'idejhom naraw il-kuruna tar-rand. Fuq il-globu hemm raġġiera bil-għajn li tirrappreżenta s-Santissima Trinita'. Fuq il-bastun hemm minqux isem il-benefattur *G. Trevisan.* Għalhekk lil Ġanni tawh id-dritt li jżomm din is-sorġentina għal tul ta' ħajtu kollha sakemm miet fl-età ta' 72 sena, fil-11 ta' Settembru 1918. Kien l-anzjan tal-fratellanza. Ġie midfun fil-knisja fil-qabar numru 35.

## Midalja

Naraw li wara r-Rettur kien ikun hemm fratell ieħor li ġeneralment kien ikun l-aktar anzjan li kien iġorr fuq sidru medaljun kbir. Din kienet tkun ġeneralment tal-fidda bl-emblema tal-istess fratellanza. Dan il-medaljun huwa *fac-simile* ta' dik tan-Duluri li jidher li ġew ordnati fl-istess żmien. Id-dekorazzjoni tal-girlanda tal-ward imdawra miegħu hija tal-istess forma u disinn tat-tnejn. Li hemm biss differenti hija dik ta' San Pietru u San Pawl fejn naraw iż-żewġ figuri taż-żewġ Appostli, filwaqt li l-oħra turi l-Madonna Addolorata. Skont il-marka jew bull li sibt fuq dak tad-Duluri juri li dawn iż-żewġ midalji kienu ġew ordnati lejn is-sena ċirka 1900.

### Stendart

Kull fratellanza kienet tagħmel l-almu tagħha possibli biex barra li jsiru l-laqgħat tal-fratelli u msieħba magħha, kienet iżżejjen mill-aħjar li tista' dawk l-oġġetti li kienet iġġorr magħha waqt l-attivitajiet liturġiċi b'mod speċjali dawk proċessjonali. Dawn ġeneralment kienu jikkonsistu fl-istendart u salib b'żewġ lanterni. Kien ikollhom stendart irrakkmat għall-festi solenni u ieħor ordinarju li jissejjaħ tas-sekonda (it-tieni wieħed). L-istendart kien ikun tal-kulur li jġib il-qaddis protettur. Għalhekk dan inkwistjoni kien aħmar bħala xebh tal-martirju li ħadu l-Appostli San Pietru u San Pawl. Insibu li fi Frar 1897 ċertu Salvu ta' Manweli ħadem il-lasta u tħallas għaliha xelin u 3 soldi (€0.15). F'Awwissu 1898, Kustanz Borg tħallas 10 soldi (€0.10) talli rranġa din il-lasta. F'Settembru 1898, l-istess skultur u mastrudaxxa Kustanz ħadem kaxxa kbira biex fiha jiġi kkonservat l-istendart il-ġdid fejn tħallas 7 xelini (€0.82). B'dan it-tagħrif huwa biżżejjed biex inkunu nafu li l-ewwel stendart tal-Imnarja kien sar f'din is-sena. Għalkemm ma nafux minn ħadmu u rrakkmah, jew kemm kienet l-ispiża tiegħu iżda nafu fi żgur li ħareġ għall-festa tal-Imnarja 1898. Ġabar għalih l-għalliem tal-iskola s-Sur Frenċu Buttigieg (*il-Bebla*) li kien ukoll organista tal-knisja.

Sena wara, fil-10 ta' Lulju 1899, tħallsu 2 liri u 5 xelini (€5.24) talli ġiet miksija bir-ram l-parti ta' isfel tal-lasta



*Il-Kurċifiss tal-Fratellanza ta' San Pietru u San Pawl tas-sena 1897 u lanterni li nħadmu fuq disinn ta' Prof. Francesco Saverio Sciortino li kien għamel fis-sena 1899.*

ta' dan l-istendart u wara ġiet ibbanjata bil-fidda. Il-kroċetta (salib żgħir fuq nett) sar f'Jannar 1925 mis-Sur G. Busuttil fejn tħallas lira (€2.33) għalih. Is-salib huwa magħmul mir-ram arġentat. Sar meta kien prokoratur il-Kan. Dun Ġwann M. Portelli. Dan l-istendart baqa' jintuża għal 75 sena, sakemm fis-sena 1973 sar ieħor peress li kien ġarrab diversi ħsarat.

Dan l-istendart baqa' jintrefa' fil-kaxxa tiegħu fil-maħżen tal-knisja. Meta jiena kont qiegħed nirranġa u nnaddaf dan il-maħżen, sibt li kien qiegħed jiġrilu aktar ħsara u għalhekk ġbartu u llum għadu merfugħ fil-bankun ġewwa s-sagristija. L-istendart huwa magħmul mid-drapp tas-satin aħmar fejn għandu bordura ħamra skura mad-dawra kollha tiegħu. Ma din il-bordura nsibu l-frenża tad-deheb. Huwa rrakkmat nofsu biss, fil-parti ta' fuq filwaqt li ż-żewġ pendenti huma battala mid-disinn. Fil-parti rrakmata naraw blanzuni ta' ward fejn fin-nofs hemm l-arma li tikkonsisti fi Ktieb (Vanġelu) impoġġi fuq sħaba u quddiemu kalċi li jidher inkurunat b'kuruna rjali li jissimbolizza lil San Pawl; fuq il-ktieb hemm it-Trerejnu li jissimbolizza lil San Pietru bħala Papa; madwar il-ktieb wieħed jara s-Salib, il-Baklu tal-Papa (salib bażilikali) Baklu tal-Isqof u x-Xetru renjanti. Dan kollu huwa mdawwar bil-palma u l-weraq tar-rand. Fl-aħħarnett insibu l-pendent li kien ukoll irrakkmat in-naħa ta' isfel fejn jiġi s-salib. Fuq quddiem kien hemm il-*'Pax'* u fuq wara kien hemm irrakkmata l-arma tan-Nadur. Din kienet turi għolja fil-baħar bix-xemx fuq l-għolja.

Waħda mir-regolamenti fl-istatut kien li barra li jsiru xi talb u quddies wara l-mewt tal-membri tal-fratellanza, waqt il-korteo funebri mid-dar għall-knisja u wara s-servizz fil-knisja, mill-ġdid mill-knisja saċ-ċimiterju, kienu jieħdu sehem l-erba' stendarti, fosthom dak ta' San Pietru u San Pawl. Għalhekk kien hemm stendart ieħor li kien jissejjaħ bħala tas-sekonda (it-tieni). Insibu li fis-sena 1954 is-Sorijiet Franġiskani tħallsu 9 liri u nofs (€22.14) għal stendart ġdid. Meta f'Jannar 1973 spiċċaw dawn l-istendarti fil-funerali kien baqa` biss dak ta' San Pietru u San Pawl. Dan spiċċa wkoll fi Frar 2013 meta anke l-korteo spiċċa fid-djoċesi ta' Għawdex. Biex ngħidu kollox fil-Kolleġġjata Insinji u Bażilika tan-Nadur barra mill-erba` stendarti tal-fratellanzi, insibu ieħor żgħir. Fl-Imnarja 1935 sar stendart żgħir aħmar bl-arma ta' San Pietru u San Pawl biex jinġarr minn abbati u jkun fuq quddiem nett tal-purċissjoni. Kienet ħadmitu Suor Kostantina Galea tas-Sorijiet Franġiskani.

### Salib

Insibu li fis-sena 1897 sar is-Salib tal-Fratellanza ta' San Pietru u San Pawl. Il-prokuratur il-Kan. Też. Martin Camilleri ħallielna ħafna dettalji dwar dan. Kien hu stess li beda jfittex il-benefatturi għal dawn l-opri filwaqt li kien jikkoordina x-xogħol kollu hu. Din l-opra tas-salib kienet saret bis-saħħa tal-benefattur Toni Debrincat. Dan is-salib imnaqqax u dekorattiv huwa magħmul mill-għuda ta' kulur iswed, iebes u tqil li jissejjaħ tal-*ebanu*. Għuda tassew prezzjuża. Kien ġie jiswa b'kollox 36 lira (€83.88). Is-salib bl-iskultura nħadem minn Kalċidon Bugeja li kien tħallas 7 sterlini (€16.31), filwaqt li l-korp

ta' Kristu Msallab tal-kartapesta tassew fin, inħadem mid-Ditta *'De Pascalis'* għal sterlina (€2.33). L-ornamenti l-oħrajn huma tal-fidda fejn ġew esegwiti mid-Ditta *'Bertarelli'* ta' Milan fuq id-disinn ta' Kalċidon Bugeja stess. Dawn jikkonsistu fi tliet irjus, l-INRI, ir-raġġiera u l-arma tal-benefattur Debrincat li tinsab fuq wara tas-salib fejn hemm imnaqqax:- "EX MVNIF ANTONI DEBRINCAT - MDCCCXCVII - (1897)". L-ornamenti żgħar l-oħra bħalma huma d-dijadema u t-tliet imsiemer inħadmu minn Tumas Baluci mill-Belt Victoria. Għall-fidda kollha tħallset is-somma ta' 26 lira, 14-il xelin u 3 soldi. (€62.34). Dan is-salib komplut ġie jiżen ħamest irtal neqsin żewġ uqijiet (kull ratal fih 800 gramma).

Għandi kartolina / ittra mingħand id-Ditta *'Bertarelli'* li hija tat-13 ta' Jannar 1900, fejn kienu qegħdin jitolbu lill-Kan. Camilleri ħalli jħallas id-differenza ta' kważi 12-il lira (€27.96), iżda minflok jibgħat 10 liri (€23.30), ħalli jtaffi l-ispejjeż li kienu saru. Ma nafux xi problema kien hemm u lanqas jekk din id-differenza ġietx esegwita. Iżda nafu żgur li dan il-kurċifiss kien l-aħħar biċċa xogħol għand din id-ditta f'Milan. Dan is-salib sabiħ kien ġie inawgurat nhar il-festa ta' San Koronatu Martri, il-Ħadd, 7 ta' Novembru 1897. Il-benefattur Toni li kien fratell tal-istess fratellanza, kien żamm id-dritt li jerfgħu tul ħajtu kollha fil-purċissjonijiet. Toni li ma kienx miżżewweġ, miet fl-eta ta' 74 sena nhar is-17 ta' Lulju 1926.

### Lanterni

Meta l-iskultur u l-arkitett, Franġisku Saverju Sciortino (1875-1958) kien għadu qed jistudja ġewwa Milan fis-sena 1903, kien ġie kkummissjonat mill-ħabib tiegħu, il-Kan. Też. Martin Camilleri biex jagħmel żewġ lanterni jew fanali għall-fratellanza ta' San Pietru u San Pawl. Minn ittra minn Ruma tal-Kan. Camilleri nafu li f'Jannar 1899, kien diġa' beda jaħseb għad-disinn ta' dawn lanterni. Dun Martin kien issuġġerixxa lill-familja tat-tabib Trevisan bħala benefatturi, iżda ma nafux jekk dawn daħlux għal din l-opra. Kien kiteb ittra oħra lill-familja Trevisan iżda baqa` bla tweġiba. Għalhekk issuġġerrixxa lill-ħabib tiegħu s-Sur Frenċu Buttigieg (*il-Bebla*) biex jibda jiġbor għal din l-opra unika. Ix-xewqa tal-Kan. Camilleri kienet li fl-Imnarja tas-sena ta' wara, 1900, din l-opra tkun inawgurata, iżda kellhom jgħaddu erba` snin oħra biex dan iseħħ.

Dawn iż-żewġ lanterni huma tassew oriġinali u ma tarax bħalhom fl-ebda parroċċa f'Malta u Għawdex. Huma magħmulin għat-tond, bil-ħġieġ tagħhom għat-tond ukoll u ta' kulur safrani, li jiġu pariġġ il-konfratija tal-fratelli. Madwar il-globu naraw erba` figuri ta' anġli movimentati, b'idejhom fuq sidirhom u bi ġwenħajhom 'il fuq. Il-globu jagħlaq bħal speċi ta' kuruna mdawwra bit-tmien irjus ta' anġli, li minn ġo nofshom jitla` s-salib bir-raġġiera. Taħt il-globu hemm erbat irjus ta' anġli oħra, bir-raġġi. Għalkemm ma nafux eżattament fejn inħadmu, jidher ċar li saru mid-Ditta *'Fratelli Bertarelli'* ġewwa Milan stess. B'dan ix-xogħol naraw li Sciortino kien qed jiġi megħjun finanzjarment biex ikompli jistudja l-arti ġewwa Milan. Fil-piż huma itqal mil-lanterni l-oħra. Dawn tant kienu ntogħġbu li kien hemm minn issuġġerixxa li l-mazza tal-kapitlu tal-Kolleġġjata kellha tkun tixbah lil dawn lanterni.



*L-Istatwa Titulari tal-Appostli San Pietru u San Pawl meqjuma fil-Kolleġġjata Bażilika tan-Nadur matul il-jiem tal-Festi Ċentinarji li kienu saru fin-Nadur fis-sena 1968.*

### Għeluq

F'din il-kitba tajna ħarsa ħafifa dwar l-istorja tal-Fratellanza ta' San Pietru u San Pawl fin-Nadur. Dan fl-egħluq il-250 sena mit-twaqqif tagħha fis-sena 1763. Matul is-snin, bħal kwalunke fratellanza oħra, din il-fratellanza kienet ta' soljiev u ta' għajnuna kbira għal dawk li kienu jinkitbu fiha. Dan kien mhux biss għall-fratelli li kienu jieħdu sehem fil-purċissjonijiet tal-parroċċa, iżda wkoll għall-imseħbin kollha. Din il-fratellanza hija xhieda oħra ħajja ta' mħabba u devozzjoni lejn San Pietru u San Pawl. Kult nobbli ta' għożża kbira li n-Nadur u l-poplu tiegħu dejjem ħaddnu u li sawwru mal-medda taż-żmien.

© Dun Duminku Camilleri • 2013.

**Referenzi:** Arkivju tal-Kolleġġjata Nadur, Bonnici A., *In-Nadur Ġrajjiet Kolleġġjata u Bażilika.* Caruana K, *In-Nadur u t-Tempju Tiegħu Monumentali.* Camilleri D., *Ilħa fostna 100 sena 1882-1982; Il-Kolleġġjata Insinji tan-Nadur,* Pellegrini V.M., *Sunday Times,* "Francis Xavier Sciortino: A Maltese Sculptor", Portelli Ġ., *Notamenti,* Cauchi Ġ., *Djarji,* Ferres A., *Descrizione delle Chiese,* Farrugia J., *Antique Maltese Domestic Silver.*